

REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 1114/2013

tas-7 ta' Novembru 2013

li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1857/2006 rigward il-perjodu tal-applikazzjoni tiegħu

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 108(4) tiegħu,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 994/98 tas-7 ta' Mejju 1998 dwar l-applikazzjoni tal-Artikoli 92 u 93 tat-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ewropea għal ċertu kategoriji ta' għajjuna Statali orizzontali ⁽¹⁾,

Wara li ppubblikat abbozz ta' dan ir-Regolament ⁽²⁾,

Wara li kkonsultat mal-Kumitat Konsultattiv dwar l-Għajjuna mill-Istat,

Billi:

- (1) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1857/2006 ⁽³⁾ jiskadi fil-31 ta' Diċembru 2013.
- (2) Fil-Komunikazzjoni tagħha dwar il-Modernizzazzjoni tal-Għajjuna mill-Istat tal-UE ⁽⁴⁾ tat-8 ta' Mejju 2012, il-Kummissjoni nediet revizzjoni wiesgħa tar-regoli dwar l-għajjuna mill-Istat. Fil-kuntest ta' dik ir-revizzjoni, ir-Regolament (KE) Nru 994/98 diġà ġie emendat bir-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 733/2013. ⁽⁵⁾ Għadd ta' strumenti leġiżlattivi oħra rilevanti għall-valutazzjoni tal-għajjuna mill-Istat fis-settur agrikolu għadhom fil-proċess ta' revizzjoni, partikolarment ir-regoli futuri applikabbli għall-iżvilupp rurali, il-linji gwida ġodda dwar l-għajjuna mill-Istat għall-agrikoltura, u r-Regolament il-ġdid għal eżenzjoni ġenerali sħiħa li jissostitwixxi r-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 800/2008 ⁽⁶⁾. Mhux se jkun possibbli li jiġi ffinalizzat l-adattament ta' dawn l-istrumenti qabel ma jiskadi r-Regolament (KE) Nru 1857/2006 jew mhumiex se jkunu applikabbli bis-sħiħ fl-1 ta' Jannar 2014. Sabiex ikun żgurat approċċ konsistenti fl-istrumenti kollha ta' għajjuna mill-Istat, huwa għalhekk xieraq li jiġi estiż sat-30 ta' Ġunju 2014 il-perjodu ta' applikazzjoni tar-Regolament (KE) Nru 1857/2006.

⁽¹⁾ ĠU L 142, 14.5.1998, p. 1.

⁽²⁾ ĠU C 227, 6.8.2013, p. 1.

⁽³⁾ Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1857/2006 tal-15 ta' Diċembru 2006 dwar l-applikazzjoni tal-Artikoli 87 u 88 tat-Trattat għal għajjuna mill-Istat għal intrapriżi żgħar u ta' daqs medju attivi fil-produzzjoni ta' prodotti agrikoli u li jemenda r-Regolament (KE) Nru 70/2001 (ĠU L 358, 16.12.2006, p. 3).

⁽⁴⁾ Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni, Il-Modernizzazzjoni tal-Għajjuna mill-Istat tal-UE (SAM), 8.5.2012, COM(2012) 209 finali.

⁽⁵⁾ Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 733/2013 tat-22 ta' Lulju 2013 li jemenda r-Regolament (KE) Nru 994/98 dwar l-applikazzjoni tal-Artikoli 92 u 93 tat-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ewropea għal ċertu kategoriji ta' għajjuna mill-Istat orizzontali (ĠU L 204, 31.7.2013, p. 11).

⁽⁶⁾ Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 800/2008 tas-6 ta' Awwissu 2008 li jiddikjara ċerti kategoriji ta' għajjuna bħala kompatibbli mas-suq komuni skont l-Artikoli 87 u 88 tat-Trattat (Regolament għal Eżenzjoni Ġenerali Sħiħa) (ĠU L 214, 9.8.2008, p. 3).

(3) Għalhekk, ir-Regolament (KE) Nru 1857/2006 għandu jiġi emendat skont dan.

(4) Huwa importanti li tiġi żgurata l-kontinwità fl-implimentazzjoni tal-politika tal-iżvilupp rurali u li jkun hemm bidla bla xkiel minn perjodu ta' programmazzjoni għal dak sussegwenti. Huwa inevitabbli li jkun hemm perjodu ta' applikazzjoni komuni tal-programmi tal-iżvilupp rurali u d-dispożizzjonijiet legali korrispondenti tal-perjodu tal-ipprogrammar 2007-2013 u dawk tal-perjodu tal-ipprogrammar sussegwenti. F'dan il-kuntest, l-Istati Membri jistgħu, f'ċerti kundizzjonijiet, ikomplu jagħmlu l-impenji skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1698/2005 ⁽⁷⁾ wara t-tmiem tal-perjodu ta' programmazzjoni 2007-2013 sal-31 ta' Diċembru 2015. Konsegwentement, jixraq li jiġi ċċarat li, għall-finijiet ta' ċertezza legali, fejn ir-Regolament (KE) Nru 1857/2006 jirreferi għall-kriterji tar-Regolament (KE) Nru 1698/2005, dawk il-kriterji għandhom jibqgħu applikabbli għall-valutazzjoni tal-għajjuna mill-Istat skont ir-Regolament (KE) Nru 1857/2006 waqt li jkun qed jiġi estiż il-perjodu ta' applikazzjoni anke wara d-dħul fis-seħħ ta' Regolament ġdid li jissostitwixxi ir-Regolament (KE) Nru 1698/2005.

(5) Fid-dawl tal-estensjoni tal-perjodu ta' applikazzjoni tar-Regolament (KE) Nru 1857/2006, jista' jagħti l-każ li xi Stati Membri jkunu jixtiequ jestendu t-tul ta' żmien tal-miżuri li dwarhom ġiet ipprovduta informazzjoni fil-qosor skont l-Artikolu 20 ta' dak ir-Regolament. Sabiex jitnaqqas il-piż amministrattiv, huwa xieraq li jiġi stipulat li l-informazzjoni fil-qosor dwar l-estensjoni ta' dawn il-miżuri għandha titqies li ġiet ikkomunikata lill-Kummissjoni, dment li ma ssir l-ebda emenda sostantiva għall-miżuri kkonċernati.

(6) Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea biex jippermetti l-estensjoni tal-perjodu ta' applikazzjoni tar-Regolament (KE) Nru 1857/2006, qabel jiskadi,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Fl-Artikolu 23(1) tar-Regolament (KE) Nru 1857/2006, it-tieni subparagrafu jinbidel b'dan li ġej:

"Huwa japplika mill-1 ta' Jannar 2007 sat-30 ta' Ġunju 2014".

⁽⁷⁾ Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1698/2005 tal-20 ta' Settembru 2005 dwar appoġġ għall-iżvilupp rurali mill-Fond Agrikolu Ewropew għall-iżvilupp Rurali (FAEŻR) (ĠU L 277, 21.10.2005, p. 1).

Artikolu 2

Fejn, bħala konsegwenza tal-emenda tar-Regolament (KE) Nru 1857/2006, Stat Membru jkun jixtieq jestendi miżuri li dwarhom tressqet l-informazzjoni fil-qosor quddiem il-Kummissjoni, skont l-Artikolu 20 ta' dak ir-Regolament, l-informazzjoni fil-qosor dwar l-estensjoni ta' dawk il-miżuri għandha titqies li tkun ġiet ikkomunikata lill-Kummissjoni, dment li ma ssir l-ebda emenda sostantiva għall-miżuri kkonċernati.

Artikolu 3

Fejn ir-Regolament (KE) Nru 1857/2006 jirreferi għall-kriterji tar-Regolament (KE) Nru 1698/2005, dawk il-kriterji għandhom jibqgħu applikabbli għall-valutazzjoni tal-għajnuna mill-Istat skont ir-Regolament (KE) Nru 1857/2006 waqt il-perjodu ta' applikazzjoni estiż, anke wara d-dħul fis-seħħ ta' Regolament ġdid li jissostitwixxi r-Regolament (KE) Nru 1698/2005.

Artikolu 4

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, is-7 ta' Novembru 2013.

Għall-Kummissjoni
Il-President
José Manuel BARROSO
